VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,085, 9 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 372 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2012 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Fine Arts (M.F.A.) in Digital Arts – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenza tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 31 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-26 ta' Settembru, 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu għal taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet li weħlu minnhom matul is-sessjoni supplimentari tal-eżamijiet ta' Settembru."